**7 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Frendo

## Theddid - Inġurja

*Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lill-persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-Kodiċi), liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess aġent.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Frendo talli fl-14 ta' Novembru, 1994 għall-ħabta tat-3.30 p.m. fi Triq William H. Prescott, f'San Ġiljan, inġurja u hedded lil John Casa bi vjolenza fuq il-persuna u l-proprjeta' tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Frar, 1995 li biha dik il-Qorti wara li sabet lill-imsemmi Joseph Frendo ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu għal ammenda ta' għaxar liri (Lm10);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Frendo, minnu ppreżentat fil-15 ta' Frar, 1995 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li hu ma inġurja u ma hedded lil ħadd. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, pero`, hi sodisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa dwar ix-xogħol li dan kien qed jagħmel fuq il-ħajt diviżorju li jifred il-parapetti jew *front gardens* tad-djar tagħhom u speċjalment bil-mod kif qal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpanjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero` ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-Kodiċi, e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta' l-istess aġent. Mill-provi ma jirriżultax li l-appellant inġurja lil John Casa;

Il-Qorti jiddispjaċiha tara tnejn minn nies altrimenti ta' l-affari tagħhom, u per di piu` ġirien, jitlewmu fuq biċċa ħajt diviżorju li jifred il-parapetti u sejra tirriduċi l-piena għal waħda verament nominali bit-tama li l-appellant jirrealizza li żbalja u li jipprova jsolvi l-kwistjonijiet li għandu mal-ġar tiegħu b'mod aktar ċivili;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' inġurja fit-termini tal-preċitat artikolu, kif ukoll in kwantu kkundannatu ammenda ta' għaxar liri u minflok dik l-

ammenda tikkundanah għal ammenda ta' ħames liri (Lm5).